KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

T: +356 2133 7633
E: sliema.support@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

# LAQGĦA TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 28

It-Tmienja u għoxrin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Tlieta 24 ta' Frar 2026 fis-6pm ġewwa The AX Palace Hotel, Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | Ryan Borg | Kunsilliera |
| | Jacqueline Higgins | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

**Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:15pm:**

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 26 u 27 ;**

**28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**28.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;**

**28.6 Tibdil ta' Fondi għal SPI SCI 6 2022_Proġett Bisazza**

**28.7 Approvazzjoni ta Unaudited Financial Statements 2025**

**28.8 Approvazzjoni skema ta' fondi NGOs tad-DPF għal proġett tal-maħzen ġdid (Għaqda Armar Stella Maris)**

**28.9 Deċizjoni dwar il-kontijiet tal-ARMS**

**28.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

**28.11 Mozzjonijiet;**

**28.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

## 28.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**28.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri D Muscat, K Wain u Z Zammit.

## 28.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 26 u 27

**28.2.1** Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 26 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-kunsillier D Soler ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier J Aquilina.

28.2.2 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa numru 27 għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri preżenti.

Il-Viċi Sindku A Debono ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier D Soler

*Il-Kunsilliera J Higgans daħlet 6:20pm*

**28.7** Is-Sindku informa lil kunsillieri preżenti li ser imexxi il-quddiem numru 28.7:

## 28.7.1 APPROVAZZJONI TA UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2025

28.7.2 L-Accountant tal-KL għamlet preżentazzjoni dwar l-*unaudited statements* finanzjarji tal-2025 u tal-Q4.

28.7.3 Is-Sindku ressaq dan għall-approvazzjoni l-unaudited financial statements.
Il-Viċi Sindku A Debono ippropona l-approvazzjoni u s-sekondat mill-kunsilliera J Higgans.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

Is-Sindku ressaq dan għall-approvazzjoni tal-Q4.
Il-kunsillier R Borg ippropona l-approvazzjoni u s-sekondat mill-kunsillier D Soler.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

Is-SE qal li għalkemm qegħdin f'pożizzjoni tajba, xorta l-KL għandu jibqa' jara li l-infieq tiegħu jibqa' għaddej b'mod għaqal.

*Il-kunsilliera V Galea Pace daħlet fis-6:31pm*

## 28.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**28.3.1 Laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli:**

> Problema tad-dranaġġ ġewwa x-Xatt
> Numru ta' toroq li hemm bżonn jitranġaw wara x-xogħol li sar mill-Enemalta
> Street Hawkers with temporary electrical boxes, this needs to be tackled head-on
> Charging pillars – proġett pilota f'tas-Sliema – 30 CP ġodda għal karrozzi eletriċi.
> Project Green – Tender Sistema ta' irrigazzjoni tal-ilma u tħawwil ta' siġar ġodda.
> Tiġdid tal-ħajt ta' Ġnien Indipendenza

**28.3.2 Update dwar xogħolijiet toroq u bankini:**

Triq Castelletti u Annunzjata
Triq San Pawl (bejn Triq il-Katidral u Triq Lunzjata)
Triq Depiro, Camenzuli, Ġafar, Ħnejja, Patri Marjanu u l-parti ta' fuq ta' Triq il-kulleġġ l-antik.
Zebra crossings ta' Triq il-kulleġġ l-antik u Triq Rudolfu.

**28.3.3 Laqgħa mal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija:**

Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa tkellem dwar il-problemi ta' sigurta' fil-lokalita'. Kompla jgħid li AKP qal li ser jiżdiedu r-rondi tal-pulizija, kemm fin-numru u kif ukoll fil-ħinijiet.

**28.3.4 Laqgħa mal-Ombudsman u l-Awtorita' tal-Artijiet** sabiex il-KL ikollu l-informazzjoni dwar l-encroachments kollha fuq l-istabillimenti li hemm.

**28.3.5 Laqgħa mall-Association of catering establishments:**

Is-Sindku spjega li fil-ġimgħat li ġejjien ser ikollu laqgħa ma din l-assoċjazzjoni.

**28.3.6 Update dwar il-proġett Ġnien Bonelli Du Puis:**

Is-Sindku spjega ħabba l-ħerba li ħalla *Storm Harry,* għadt hemm ħafna xogħol li irid isir u iridu jinbiddlu ħafna pjanti. Għaldaqstant ser jitkompla x-xogħol fil-ġnien permezz ta' *hedging* ġdid mad-dawra tal-ġnien u twaħħil ta' pjanti ġodda.

## 28.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

**28.4.1** Is-Sindku qal li irċieva talba mingħand il-Klabb tal-Waterpolo Slimiż sabiex il-KL jiffinanzja l-ammont ta' Ewro 1,500 għal proġett ta' tindif tal-pool mir-radam li ħoloq Storm Harry.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

**28.4.2** Is-Sindku tkellem fuq il-kwistjoni tal-parking quddiem Boutique Hotels u Guesthouses fejn il-KL mhux ser iħalli aktar spazji tal-parkeġġ jittieħdu quddiem dawn l-istabilimenti.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

Is-Sindku talab lil kunsillieri preżenti biex il-KL jagħmel talba lit-TM biex il-parkeġġi eżistenti jitneħħew ukoll.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

**28.4.3** Il-Kunsillier R Borg saqsa lis-Sindku biex jispjega x'inhi l-proċedura biex il-KL joġġezzjona għal xi permessi ta' bini. Hu qal li kemm il-darba talab lis-Sindku sabiex ikun jista' jaħtar bord ta' esperti teknocratici idealment Residenti Slimizi sabiex jiġu evalwati dawn il-permessi. Il-Kunsillier R Borg talab lis-Sinku biex jerga jikkonsidra it-talba tijaw peres li kull kunsillier ghandu sottokumitat mahtur minnu u Il-Kunsillier R Borg ma ghandux l-istess trattament. Il-Kunsillier R Borg jemmen li it talba tijaw timxi mal-ligijiet tal kunsilli specjalment la darba is-sindku vdah b'dan is-sottokumitat.

**28.4.4**

- Is-Sindku wieġeb billi qal li l-permessi ser jiġu evalwati *on a case by case basis* mingħand bord magħmul minnu, mis-SE, l-kunsillier responsabbli mill-PA u l-avukut tal-KL espert fil-PA.

**28.4.5** Is-Sindku spjega l-andament tax-xogħolijiet tal-latrina pubblika ta' Ferro Bay.

Il-Kunsilliera V Galea Pace qalet li kellha talba mis-sid ta' xarabank li ibigħ is-*souvenirs* ġewwa x-Xatt sabiex ikollu parkeġġ riservat għalih.

**28.4.6**

- Is-Sindku wieġeb billi qal li l-KL ilu għal dawn l-aħħar snin jara kif ma jingħatawx aktar permessi ta' *street*

*hawkers* sabiex jiġu salvagwardjati l-parkeġġi tar-residenti. Kompla jgħid li anke f'dan il-kas il-KL m'għandux jagħti permess għall-parkeġġ riservat.

28.4.7 Il-Kunsilliera V Galea Pace staqsiet jekk jistgħax issir bus shelter ġewwa Qui Si Sana n-naħa li tagħti mill-mini ta' Tigne' lejn Triq it-Torri.

- Is-Sindku qal li din il-proposta tista' tiġi kunsidrata, pero' l-problema hi li l-bankina hija dejqa wisq sabiex tiġi nstallata bus shelter. Pero' l-KL ser jibgħat lil MPT biex jara jekk dan jistgħax isir.

28.4.8 Il-kunsillier J Dougall staqsa minn huwa responsabbli għat-tindif tal-parkeġġ pubbliku tax-Xatt.

- Is-Sindku qal li dan jiġi imnaddaf mid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni.

Il-kunsillier D Soler staqsa jekk il-KL ħa deċiżjoni dwar jekk it-traffiku ser jitħalla jgħaddi mit-toroq tal-lokalita'

- Is-Sindku qal li ser isiur iktar taħdidiet mall-awtoritajiet kompetenti biex isir pjan tal-maniġġjar tat-traffiku.

- Is-Sindku staqsa lil-kunsillieri preżenti jekk hemm qbil li t-traffiku ma jgħaddix mit-toroq Slimiżi.

**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti**

## 28.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

28.5.1 Il-kunsilliera J Higgans qalet li ser torganizza sensiela ta' laqgħat dwar is-saħħa mentali u biex dawn isiru fl-iskejjel Slimiżi ħalli jiħu involuti l-ġenituri ukoll. Kif ukoll ser tiġi organizzata laqgħa ta' informazzjoni dwar l-inteliġenza artifiċjali.

28.5.2 Il-kunsillier R Borg spjega li flimkien mal-Minority Leader W Baldacchino ser isir applikazzjoni konġunta ma numru ta' pajjiżi Ewropej li qed jieħdu sehem fil-program tal-ESWAM. Qal li hemm ammont ta' 1,500 Ewro li irid jħallas li-KL u staqsa lil kunsillieri preżenti jekk hemm qbil dwar dan.

**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti**

**28.5.3** Il-kunsillier R Borg qal li laqa' l-proposta tal-Ministru tal-Intern dwar il-multi li ser jingħataw fuq il-post b'mod immedjat lil min jikser ċertu liġijiet. Kompla jgħid li proposta bħal din għandha tidħol parti mill-bye-law li qed tinħadem mis-sotto kumitat tiegħu.

**28.5.4** Il-kunsillier W Baldacchino qal li mall-attivitajiet li diġa' jorganizza l-KL li saru popolari mar-residenti bħal *chair pilates u dance fitness,* il-KL jikkonsidra li jibda jorganizza ukoll klassijiet tat-*Thai Chi* darba fil-ġimgħa.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti**

**28.5.5** Il-kunsillier W Baldacchino ippropona li-KL jippromwovi applikazzjoni tal-mobajl ġdida jisima' *Fit Sphere.* Dan ser jiswa l-KL madwar 300 Ewro fix-xahar u jkun b'xejn għar-residenti.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti**

**28.5.6** Il-Viċi Sindku talab għal laqgħa mad-direttur tad-Diviżjoni tat-Tindi u Manutenzjoni. Staqsa ukoll jekk il-KL ser jixtri kontenituri ġodda tal-iskart ġeneriku u dak tal-klieb għat-toroq tal-lokalita'.

**28.5.7** Il-Viċi Sindku staqsa meta ser jibda jopera l-kuntrattur ġdid tas-sinjali u tabelli tat-toroq fil-lokalita' u jekk it-tabelli ta' lilbies deċenti ser jitwaħħlu mll-kuntrattur.

- Is-Sindku qal li fil-jim li għaddew il-KL u l-kuntrattur iffirmaw il-kuntratt u fil-jim li ġejjien ser issir laqgħa mal-kuntrattur biex isir programm tax-xogħolijiet.

## 28.6 TIBDIL TA' FONDI GĦAL SPI SCI 6 2022_PROĠETT BISAZZA

**28.6.1** B'referenza għall-minuta numru 10.8 tal-Minuti tas-Seduta numru 10, datati 18 ta' Frar 2025, is-Sindku spjega li saru xi tibdiliet fil-proġett oriġinali propost taħt l-Iskema SPI.SCI.6.2022 – Skema Manutenzjoni u Sostenn 2022, relatat mal-proġett ta' Triq Bisazza.
**Il-Kunsill qabel unanimament mat-tibdil li sar.**

## 28.7 APPROVAZZJONI SKEMA TA' FONDI NGOS TAD-DPF GĦAL PROĠETT TAL-MAĦZEN ĠDID (GĦAQDA ARMAR STELLA MARIS)

**28.7.1** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti l-proġett ta' l-Għaqda tal-Armar Stella Maris sabiex jibnu maħżen ġdid bil-fondi dedikati lil NGO mill-DPF. Is-Sindku spjega li l-KL ser joħroġ l-ammont ta' 5,000 ewro għal dan il-proġett, huwa staqsa jekk hemm qbil dwar dan.
**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

## 28.9 DEĊIŻJONI DWAR IL-KONTIJIET TAL-ARMS

**28.9.1** Is-Sindku fakkar dwar il-kwistjoni tal-kontjiet mizmuma minhabba l-issue li hemm kien tahditiet mal-LANDS peresse li dawn ma jaqawx that il-kappa tal-Kunsill imma l-konitijiet xorta jasslu hawn. Is-Sindku wasal ghal kompormess mal WSC biex jitnaqqas l-ammont tal-kontjiet pendent u l-Kunsill ihallas is-somma ta madwar Eur 24,000 ghal-kontijiet pendenti kollha bil-kundizzjoni li l-Kunsill jibqa responsabbli ghal-kontijiet tal-ARMS

**Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsillieri preżenti.**

## 28.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**28.10.1** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti.

Kien hemm korrezzjoni għall-pagament numru 29. F'isem Angelo Scerri fejn l-ammont ridt jinqara Ewro 1360 mhux Ewro 1530

Mal-lista preżenta ġew imressqa pagamenti ohra li se jkunu qeghdin jidhru fl-iskeda tas-seduta li jmiss li huma:

1. **Valletta Legal Servizzi legali** dwar PA 3957/21 Triq Z. Barbaro Sliema bl-ammont ta Ewro 1132.80

2. Comsec dwar ***Access Control Cards*** parti minn office refurbishment bl-ammont ta Ewro 3728.80

3. Comsec dwar ***Access Control Indoor Wall Reader*** (x8) parti minn office refurbishment ta Ewro 4231.01

4. Florian Spengler għal preparazzjoni għall-attivita' **SAF 2026** għax-xhur ta' Jannur u Frar 2026 ammont ta Ewro 2360

Il-Kunsillier D. Soler propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-kunsillier W. Baldacchino issekonda.

**Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni.**

## 28.11 MOZZJONIJIET

**28.11.1** Ma kien hemm l-ebda talba biex tiġi imressqa mozzjoni.

## 28.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**28.12.1** Is-seduta ntemmet fit-8:45pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar ii-Ħamis 26 ta' Marzu 2026 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **26 ta' Marzu 2026**

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |